MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-24 ta' Ġunju, 2020

Rikors Maħluf Numru 343/2015LM

**Sylvana Bonavia (K.I. Numru 355466M), Gilbert Bonavia (K.I. Numru 237692M), Aaron Bonavia (K.I. Numru 67789M) u Charlotte Bonavia (K.I. Numru 101496M)**

***vs.***

**Ayrton D'Amato Quintano u Montaldo Insurance Agency Limited bħala aġent tas-soċjetà estera AIG Europe Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-15 ta' April, 2015 mill-atturi **Sylvana Bonavia** (K.I. numru 355466M), **Gilbert Bonavia** (K.I. numru 237692M), **Aaron Bonavia** (K.I. numru 67789M) u **Charlotte Bonavia** (K.I. numru 101496M)

(minn issa ’l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn Sylvana Bonavia, li jgħid kif ġej:

1. *Illi fil-21 ta’ Settembru 2013, fi Triq l-Ingiered, Ħal-Luqa, seħħ inċident awtomobilistiku meta waqt li l-intimat Ayrton D’Amato Quintano kien qed isuq il-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni GBN 951, assikurata mis-soċjetà assikurattiva intimata Montaldo Insurance Agency Limited bħala aġent tas-soċjetà estera AIG Europe Limited, ħabat mal-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni GAN 718, misjuqa mid-defunt Filomeno Bonavia [Dok.A];*
2. *Illi konsegwenza ta’ dan l-inċident, tilef ħajtu traġikament l-imsemmi Filomeno Bonavia, li jiġi r-raġel tal-esponenti Sylvana Bonavia u missier l-esponenti Gilbert, Aaron u Charlotte aħwa Bonavia;*
3. *L-esponenti huma l-eredi tad-defunt Filomeno Bonavia li miet ab intestato;*
4. *Għal dan l-inċident u konsegwenzjali danni kien jaħti unikament l-intimat Ayrton D’Amato Quintano minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti;*
5. *Bħala konsegwenza ta’ dan l-inċident, l-esponenti ġarrbu danni kif jiġi spjegat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*
6. *Minkejja l-intimati kienu interpellati sabiex jagħmlu tajjeb għad-danni subiti mill-esponenti permezz ta’ ittra interpellatorja tat-8 ta’ April 2014, huma baqgħu inadempjenti.*

*Għalhekk kellha ssir din il-kawża fejn l-esponenti qed jitolbu li din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara lill-intimat Ayrton D’Amato Quintano unikament responsabbli għall-inċident fuq deskritt u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrbu l-esponenti.*
2. *Tillikwida d-danni subiti mill-esponenti bħala werrieta tad-defunt Filomeno Bonavia, occorrendo bl-opra ta’ periti nominandi.*
3. *Tikkundanna lill-intimat Ayrton D’Amato Quintano u lis-soċjetà assicuratriċi intimata Montaldo Insurance Agency Limited bħala assikuratur tal-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni GBN 951, li kienet qed tinsaq mill-imsemmi*

*intimat Ayrton D'Amato Quintano, sabiex iħallsu solidament bejniethom lill-esponenti dawk l-ammonti kollha li jiġu dikjarati bħala solidament bejniethom lill-esponenti dawk l-ammonti kollha li jiġu dikjarati bħala dovuti minnhom lill-istess esponenti in linea ta' danni.*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra interpellatorja tat-8 ta' April 2014, u bl-imgħax legali skond il-liġi, kontra l-intimati li huma nġunti għas-subizzjoni."*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Montaldo Insurance Agency Limited bħala aġent tas-soċjetà estera AIG Europe Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta") ippreżentata fit-13 ta' Mejju, 2015, u maħlufa minn David Debono, kif debitament awtorizzat, li tgħid kif ġej:

1. *Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti jridu jġibu prova dwar il-locus standi tagħhom bħala vittmi diretti u/jew indiretti fil-proċeduri odjerni.*

2. *Illi mingħajr preġidzzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti stante illi Ayrton D'Amato Quintano ma kienx responsabbli għall-inċident fejn traġikament tilef ħajtu Filomeno Bonavia u ma kkawża ebda danni lir-rikorrenti u dana stante illi l-inċident de quo ma seħħx minħabba imprudenza, negliġenza u inadempjenza tar-reġolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Ayrton D'Amato Quintano, u dan kif ser jiġi pruvat aħjar waqt l-andament tal-kawża, u għalhekk d-danni pretiżi mir-rikorrenti u d-domandi tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-tieni talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda wkoll billi ma hemmx danni x'jiġu likwidati favur ir-rikorrenti.*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, isegwi għalhekk li anke t-tielet talba għandha tiġi miċħuda stante lil-esponenti m'għandhiex tkun ikkundannata tħallas danni lir-rikorrenti.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri premessi mill-ligi.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li huma minn issa nġunti in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Ayrton D'Amato Quintano** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut") ippreżentata fl-istess data u maħlufa minnu stess, fejn jgħid li ġej:

1. *Illi r-rikorrenti jridu jġibu prova dwar il-locus standi tagħhom bħala vittmi diretti u/jew indiretti fil-proċeduri odjerni.*
2. *Illi mingħajr preġidzzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti stante illi Ayrton D'Amato Quintano ma kienx responsabbli għall-incident fejn traġikament tilef ħajtu Filomeno Bonavia u ma kkawża ebda danni lir-rikorrenti u dana stante illi l-inċident de quo ma seħħx minħabba imprudenza, negliġenza u inadempjenza tar-reġolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Ayrton D'Amato Quintano, u dan kif ser jiġi piruvato aħjar waqt l-andament tal-kawża, u għalhekk d-danni pretiżi mir-rikorrenti u d-domandi tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.*
3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-tieni talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda wkoll billi ma hemmx danni x'jiġu likwidati favur ir-rikorrenti.*
4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, isegwi għalhekk li anke t-tielet talba għandha tiġi miċħuda stante li l-esponenti m'għandhux ikun ikkundannat iħallas danni lir-rikorrenti.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri premessi mill-ligi.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li huma minn issa nġunti in subizzjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat id-digriet tagħha fejn ġie maħtur bħala espert mediku ġudizzjarju il-psikjatra Dr Etienne Muscat.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Ottubru, 2019, fejn il-kawża għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Nhar il-21 ta' Settembru, 2013, għall-ħabta tal-ħamsa neqsin kwart ta' filgħaxija, seħħ inċident fatali (minn issa 'l quddiem "l-inċident") fi Triq l-Ingiered, Ħal Luqa, bejn karozza tal-għamla *Jaguar* bin-numru ta' reġistrazzjoni GBN 951 (minn issa 'l quddiem '*Jaguar')* misjuqa mill-konvenut Ayrton D'Amato Quintano ta' dsatax-il sena u karozza, ossia *pick-up,* tal-għamla *Mitsubishi* bin-numru ta' reġistrazzjoni GAN 718 (minn issa 'l quddiem '*Mitsubishi')* misjuqa minn Filomeno Bonavia ta' ħamsa u ħamsin sena, konsegwenza ta' liema inċident dan tal-aħħar tilef ħajtu. Hu ħalla warajh lil martu l-attrici Sylvana Bonavia u lit-tlett itfal tagħhom, l-atturi l-oħra.

**Provi u rizultanti**

L-attrici **Sylvana Bonavia** xehdet permezz tal-proċedura tal-*affidavit*.[1] Spjegat li hija kienet mart il-mejjet Filomeno Bonavia, li kien tilef ħajtu konsegwenza

[1] *A fol.* 27 tal-proċess.

tal-inċident tat-traffiku tal-21 ta' Settembru, 2013. Iddikjarat li hija ma kinetx preżenti meta ġara l-inċident u kien in-neputi tagħha li infurmaha b'dak li kien ġara. Hija marret mill-ewwel fuq il-post tal-inċident u sabet li r-raġel tagħha kien mejjet u l-karozza tiegħu maqluba ta' taħt fuq. Ir-raġel tagħha kien ilu mpjegat mal-Mdina Glass għal dawk l-aħħar 37 sena, u ddikjarat li hija qatt ma kienet ħadmet barra d-dar. Ir-raġel tagħha miet mingħajr testment. L-effetti tal-mewt tiegħu kienu kbar kemm għaliha kif ukoll għall-familja tagħha. Min-naħa tagħha kienet spiċċat emozzjonalment imkissra, tant hu hekk għadha sal-lum tuża s-servizzi ta' psikjatra u batiet ukoll finanzjarjament għaliex ma kienx faċli li ssib xogħol fl-età tagħha. Dak iż-żmien it-tifel Aaron biss kien jaħdem u llum jaħdem ukoll it-tifel Gilbert, filwaqt li t-tifla Charlotte kienet għadha qed tistudja. B'hekk kellha tistrieħ fuq il-benefiċċji soċjali kif ukoll fuq it-tfal tagħha stess.

It-tifel tagħha **Aaron Bonavia** wkoll xehed permezz tal-proċedura tal-*affidavit*.[2] Wara li kkonferma li huwa jiġi t-tifel tal-mejjet Filomeno Bonavia, spjega li huwa kien mar fuq il-post tal-inċident fejn sab li missieru kien mejjet. Seta' jara li l-*Mitsubishi* ta' missieru kien ġarrab ħsara sew u fil-fatt meta s-soċjetà konvenuta kienet bagħtet is-*surveyor* tagħha John Callus, dan kien iddikjarah *total loss* b'valur ta' €2,500[3], u eventwalment fuq il-parir tal-istess *surveyor,* il-*Mitsubishi* ġie *scrapped.*

---

[2] *A fol.* 34 tal-proċess.
[3] Dok. A *a fol.* 35 tal-proċess.

L-attur **Gilbert Bonavia** ukoll xehed permezz tal-proċedura tal-*affidavit*[4] fejn qal li huwa t-tifel tal-mejjet Filomeno Bonavia. Huwa kien sar jaf bl-inċident permezz tal-aħbarijiet għaliex dakinhar kien qiegħed Għawdex. Ċempel lil oħtu Charlotte mill-ewwel u niżel Malta u mar id-dar. Seta' jikkonferma li l-*Mitsubishi* ta' missieru kien ġarrab ħsarat kbar, tant hu hekk li kien ġie *scrapped* fuq il-parir tas-*surveyor* tas-socjetà konvenuta. Spjega kif l-inċident kien ħalla konsegwenzi kbar fuq il-familja tiegħu, kemm emozzjonalment kif ukoll finanzjarjament. Dak iż-żmien ix-xhud qal li huwa kien fl-aħħar sena tal-kors tal-agrikoltura fil-MCAST u sussegwentement f'Diċembru 2014 kien daħal jaħdem l-Għammieri.

Oħthom **Charlotte Bonavia** xehdet bl-istess proċedura tal-*affidavit*[5] u kkonfermat li l-mejjet Filomeno Bonavia kien missierha. Kienet saret taf bl-inċident mingħand ħuha Gilbert u mill-ewwel qabdet u telqet lejn id-dar. Hija ukoll stqarret li l-inċident ħalla impatt kbir fuq il-familja tagħha, kemm emozzjonalment kif ukoll finanzjarjament. Dak iż-żmien hija kienet qed isegwi kors tal-psikoloġija fl-Università ta' Malta u kienet ser tigradwa sentejn wara.

Ix-xhud **PS 353 Antoine Sacco**, prodott mill-atturi, xehed waqt l-udjenza tat-18 ta' Novembru, 2015.[6] Huwa spjega li filwaqt li kien xogħol fl-Għassa ta' Ħal Luqa fil-21 ta' Settembru, 2013, għall-ħabta tal-ħamsa neqsin kwart ta' wara filgħaxija, daħlet telefonata l-Għassa fejn ġew infurmati b'inċident tat-traffiku

[4] *A fol.* 36 tal-proċess.
[5] *A fol.* 37 tal-proċess.
[6] *A fol.* 46 tal-proċess.

li kien seħħ fi Triq l-Ingiered, Ħal Luqa. Huwa kien mar fuq il-post fejn fit-triq sab il-karozza *Mitsubishi* maqluba rasha 'l isfel u l-karozza *Jaguar* diversi metri 'l boghod minnha. Fl-ewwel karozza kien hemm persuna b'rasu 'l barra mit-tieqa ta' wara tan-naħa tal-lemin. Dan ma kienx qed jiċċaqlaq. Għalhekk ċempel minnufih il-*polyclinic* tal-Furjana u wasal fuq il-post Dr Christopher Mercieca, li qal li din il-persuna kienet mejta. Malcolm Scicluna identifika lil din il-persuna bħala Filomeno Bonavia. Is-sewwieq tal-vettura l-oħra kien Ayrton D'Amato Quintano. Muri d-dokument *a fol.* 4 sa *fol.* 11 tal-proċess, ix-xhud ikkonferma dan id-dokument bħala l-okkorrenza mitlub li jesebixxi u ffirma fuq l-istess quddiem il-Qorti.

Waqt l-udjenza tal-4 ta' Frar, 2016, xehed il-**Perit Richard Aquilina**, prodott mill-atturi[7], li kkonferma li fil-21 ta' Settembru, 2013 huwa kien ġie maħtur bħala espert fl-Inkjesta Magisterjali, sabiex jagħmel pjanta tal-post tal-inċident. Esebixxa kopja tar-relazzjoni tiegħu u tal-pjanta magħmula għall-finijiet tal-inkarigu tiegħu, li ġew immarkati bħala Dok. RA1.[8]

**L-Ispettur Spiridione Zammit**, prodott mill-atturi, xehed waqt l-istess udjenza.[9] Ikkonferma kif PS Antoine Sacco kien ġie infurmat bl-inċident mill-*Control Room* u li huma marru mill-ewwel fuq il-post tal-inċident fejn sabu li kienu involuti żewġ vetturi. Filomeno Bonavia, li kien qed isuq il-karozza *Mitsubishi,* instab barra minn dik il-karozza u ma kienx deher li kellu sinjal ta'

---

[7] *A fol.* 55 tal-proċess.
[8] *A fol.* 58 tal-proċess.
[9] *A fol.* 71 tal-proċess.

ħajja. Huwa kien informa lill-Maġistrat tal-Għassa u saret inkjesta. Kompliet ukoll l-investigazzjoni da parti tal-Pulizija għaliex kienet daħlet telefonata anonima minn fejn ġie suspettat li kien hemm vettura oħra involuta fl-inċident tal-għamla BMW. Irriżulta li n-numru ta' reġistrazzjoni ta' din il-vettura kienet JBL 764, li għalkemm inxurjata ma kellha l-ebda liċenzja tat-triq. Irriżulta wkoll li s-sewwieq ta' din il-vettura Shawn Borg, kien ra l-inċident iseħħ hekk kif sieħbu fil-*Jaguar* qabżu fit-triq wara li kienu telqu flimkien minn ħdejn il-monument ta' Ħal Luqa u saħansitra kienu qegħdin itellqu. Sussegwentement is-sewwieq ta' din il-vettura kien tressaq quddiem il-Qorti u l-każ tiegħu deċiż. Ix-xhud qal li rriżulta wkoll li l-*Mitsubisi* ma kienx ħareġ min-naħa tal-Għammieri, iżda kien ġej min-naħa tal-*Express Trailers* għal San Vinċenz De Paule.

**Saviour Blake**, infermier fir-residenza tal-anzjani *San Vinċenz De Paule*, prodott mill-atturi xehed waqt l-udjenza tal-15 ta' Marzu, 2016[10], fejn ikkonferma li l-mejjet Filomeno Bonavia kellu lil missieru residenti hemmhekk fid-data tal-inċident. Ma setax jiftakar jekk f'dik il-ġurnata l-mejjet kienx mar jara lil missieru.

Waqt l-istess udjenza xehed **Charles Said**[11], prodott mill-atturi, li spjega li huwa kien ilu jaħdem bħala *security officer* mad-dar residenzjali ta' *San Vincenz De Paule* għall-aħħar sittax-il sena. Stqarr li huwa ma setax isib ir-

[10] *A fol.* 82 tal-proċess.
[11] *A fol.* 85 tal-proċess.

*recording* tas-CCTV *footage* tal-entratura fid-data tal-21 ta' Settembru, 2013, bejn l-4.30 u l-4.50 ta' wara nofsinhar. Ikkonferma dak li kien qal lill-Pulizija meta kellmuh fit-22 ta' Settembru, 2013, jiġifieri li huwa ma kienx ra l-*Mitsubishi* dieħel mill-entratura prinċipali.

Ix-xhud **PC 1525 Patrick Farrugia** xehed waqt l-udjenza tad-9 ta' Gunju, 2016[12], kif prodott mill-atturi, fejn ikkonferma li huwa kien ġie nominat fl-Inkjesta Maġisterjali li saret fir-rigward tal-inċident li seħħ fil-21 ta' Settembru, 2013, fi Triq l-Ingiered f'Ħal Luqa. L-inkarigu tiegħu kien li jieħu ritratti tax-xena wara li jsiru l-kostatazzjonijiet mal-esperti l-oħra. Xehed għal darb'ohra waqt l-udjenza tal-5 ta' Novembru, 2018[13], fejn esebixxa kopja tar-relazzjoni tiegħu li ġiet immarkata Dok. PF1.[14] Ikkonferma li huwa kien irċieva pagament[15] mingħand l-atturi għal din il-kopja.

Ix-xhud **PS 590 Ian Grima**[16] xehed ukoll waqt dik l-udjenza prodott mill-atturi. Qal li huwa kien xogħol fl-Għassa ta' Ħal Luqa fil-ġurnata tal-inċident meta ġew infurmati mill-*Control Room* dwar l-imsemmi inċident u hu u PS353 Antoine Sacco niżlu fil-post flimkien. Huma għalqu t-triq u ġie infurmat l-Ispettur li informa l-Maġistrat tal-Għassa sabiex b'hekk ġiet ordnata Inkjesta Maġisterjali.

---

[12] *A fol.* 96 tal-proċess.
[13] *A fol.* 282 tal-proċess.
[14] *A fol.* 286 sa 355.
[15] Ara kont tal-ispejjez a *fol.* 289.
[16] *A fol.* 98 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tad-9 ta' Ġunju, 2016 xehed ukoll **John Micallef**, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, prodott mill-atturi.[17] Ix-xhud esebixxa diversi dokumenti dwar id-dħul tal-mejjet Filomeno Bonavia għas-snin 2011 sa 2013, li ġew immarkati Dok. JM1.[18]

**John Callus**, prodott mill-atturi, xehed waqt l-udjenza tal-4 ta' Ottubru, 2016[19], fejn iddikjara li huwa kien jaħdem bhala *freelance surveyor* tal-karozzi għal dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena. Ix-xhud esebixxa kopja tar-rapport li huwa kien għamel u tar-ritratti li huwa kien ħa fir-rigward tal-*Mitsubishi* u li ġew immarkati flimkien bħala Dok. JC1.[20] Kien irriżultalu li din il-karozza kellha ħsarat estensivi l-aktar fuq in-naħa tal-lemin u kkonferma li d-daqqa kienet konċentrata fuq in-naħa tal-lemin lejn in-nofs tal-vettura.

Waqt l-udjenza tad-9 ta' Novembru, 2016, xehdu bil-lingwa Ingliża **Profs. Marie Therese Camilleri** u **Dott. Safraz Ali**[21], prodotti mill-atturi. Huma kkonfermaw li kienu għamlu awtopsja fuq il-kadavru ta' Filomeno Bonavia fit-23 ta' Settembru, 2013, fejn sabu li l-kawża tal-mewt tiegħu b'riżultat tal-inċident, kienet kranju miksur. Huma ppreżentaw kopja tar-rapport tagħhom li ġie mmarkat bħala Dok. MTC1.[22] Reġgħu xehdu waqt l-udjenza tal-20 ta' Ġunju, 2018[23], fejn iddikjaraw li meħud in konsiderazzjoni t-tip ta' ksur li sofra,

---

[17] *A fol.* 102 tal-proċess.
[18] *A fol.* 104 sa 109 tal-proċess.
[19] *A fol.* 115 tal-proċess.
[20] *A fol.* 119 sa 127 tal-proċess.
[21] *A fol.* 129 tal-proċess.
[22] *A fol.* 130 tal-proċess.
[23] *A fol.* 225 tal-proċess.

huma qalu li ta' bilfors l-impatt kellu jkun wieħed vjolenti. Il-*histology report* ġie esebit u mmarkat Dok. SA1.[24]

Il-konsulent psikjatra **Dr Joseph Cassar**, prodott mill-atturi, xehed waqt l-udjenza tat-30 ta' Jannar, 2017.[25] Ikkonferma li l-attrici Sylvana Bonavia kienet pazjenta tiegħu u l-ewwel darba li ntalab jaraha kien proprju ftit wara l-mewt ta' żewġha. Kienet taħt xokk qawwi u kienet għaddejja minn ħafna ansjetà. B'hekk huwa kien irrakkomandala li tieħu xi mediċini għall-kundizzjoni tagħha. Huwa u t-tobba tiegħu baqgħu jsegwuha regolarment kull tlieta jew erba' xhur, għalkemm huwa ddeskriva l-kondizzjoni tagħha bħala stabbli. Spjega li kien diffiċli jgħid jekk kien ser ikollha bżonn tieħu l-mediċina ħajjitha kollha, iżda huwa kien tal-parir li tibqa' teħodha sabiex b'hekk ma tiħux riskju. Ikkonferma li l-attriċi kienet tieħu kaxxa ta' 28 pinnola f'xahrejn. Id-dritt tiegħu għal viżta kienet ta' €55.

Waqt l-udjenza tat-30 ta' Marzu, 2017, xehed **Shawn Borg**.[26] Muri l-kopja tal-istqarrija li huwa kien irrilaxxja lill-Pulizija fit-3 ta' Ottubru, 2013, esebita bħala Dok. SB1[27], ix-xhud ikkonferma li dik kienet l-istqarrija li huwa kien għamel u l-firma fuqha kienet tiegħu. Ikkonferma wkoll li huwa kien xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

---

[24] *A fol.* 227 tal-proċess.
[25] *A fol.* 145 tal-proċess.
[26] *A fol.* 186 tal-proċess.
[27] *A fol.* 138 sa 140 tal-proċess.

**It-Tabib Mario Scerri**, prodott mill-atturi, xehed[28] waqt l-udjenza tas-26 ta' Jannar, 2018, fejn iddikjara li huwa kien ġie maħtur bħala espert mediku legali fl-Inkjesta Maġisterjali li saret fir-rigward tal-inċident tal-21 ta' Settembru, 2013, fejn miet Filomeno Bonavia. Huwa esebixxa kopja tar-rapport imħejji skont dak l-inkarigu, liema rapport ġie mmarkat bħala Dok. MS1.[29]

Waqt l-udjenza tal-20 ta' Ġunju, 2018, xehed **Joseph Zammit**[30] prodott mill-atturi. Huwa kkonferma li sussegwenti għall-inċident, huwa kien ġie maħtur bħala espert tekniku mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jeżamina ż-żewġ vetturi involuti. Huwa kien eżaminahom kemm fuq il-post tal-inċident, kif ukoll fil-garaxx tal-Pulizija, u niżżel il-konstatazzjonijiet fir-rapport li ħejja u li kopja tiegħu huwa esebit u mmarkat bħala Dok. JZ1.[31] Iddikjara li kien il-*Mitsubishi* l-aktar li ġarrab ħsara peress li dan kien inqaleb.

L-Assistenta Reġistratur tal-Qrati Kriminali, **Maria Dolores Fenech**[32], kif prodotta mill-atturi, xehdet waqt l-udjenza tat-30 ta' Novembru, 2018. Hija esebiet kopja tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fil-25 ta' Ġunju, 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Ayrton D'Amato Quintano** (K.I. 218294M)[33], li ġiet immarkata bħala Dok. MDF1**,** kif ukoll kopja tar-rikors tal-appell minn dik is-sentenza li sar mill-Avukat Ġenerali u li ġie mmarkat bħala Dok MDF2.[34]

---

[28] *A fol.* 205 tal-proċess.
[29] *A fol.* 207 sa 220 tal-proċess.
[30] *A fol.* 225 tal-proċess.
[31] *A fol.* 231 sa 254 tal-proċess.
[32] *A fol.* 361 tal-proċess.
[33] *A fol.* 364 sa 369 tal-proċess.
[34] *A fol.* 375 sa 379 tal-proċess.

Xehed ukoll fl-istess udjenza **Marcel Bugeja**[35], Deputat Reġistratur fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), prodott mill-atturi, fejn esebixxa kopja tad-digriet mogħti minn dik il-Qorti fis-17 ta' Marzu, 2014, u li jġib in-numru 215/2014, liema dokument ġie mmarkat bħala Dok. MB1.[36]

Il-konvenut **Aryton D'Amato Quintano** xehed minn jeddu[37] waqt l-udjenza tat-8 ta' Mejju, 2019. Spjega li fil-21 ta' Settembru, 2013, huwa kien mar jaħsel il-karozza taz-ziju tiegħu fejn hemm il-pompa tal-ajruport fil-Gudja. Din kienet tal-għamla *Jaguar X Type* u kellha numru ta' reġistrazzjoni GBN 950. Il-konvenut qal illi mbagħad qabad it-triq tal-Għammieri lejn il-Ħamrun mill-Marsa u kif wasal fejn hemm l-Għammieri, ħariġlu vann minn fejn hemm *stop sign*. Dan kien bogħod minnu xi żewġ karozzi u biex jevitah l-attur kiser l-i*steering wheel* kollu fuq in-naħa ta' barra. Iżda ż-żewġ vetturi xorta waħda ħabtu u peress li d-daqqa fuq il-vettura tiegħu kienet fuq it-*tyre* ta' quddiem, din daret. Il-konvenut iddikjara li dak il-ħin huwa kien qed isuq b'xi 70 jew 80. Hekk kif ħareġ mill-vettura sema' xi żewġ anzjani fuq il-*bus stop* jgħidulu li tal-karozza l-oħra kien ħareġ min-naħa tal-Għammieri u qalulu sabiex iċempel għal ambulanza. Il-konvenut xehed ukoll in kontroeżami waqt l-udjenza tat-2 ta' Ottubru, 2019[38] u tat-28 ta' Ottubru, 2019.[39] Ikkonferma li meta telaq mill-pompa tal-petrol, sieħbu Shawn Borg kien telaq qablu u huwa telaq għal warajh fl-istess direzzjoni. Spjega li huma kienu sejrin lura lejn id-dar u li huma

35 *A fol.* 380 tal-proċess.
36 *A fol.* 375 sa 389 tal-proċess.
37 *A fol.* 396 tal-proċess.
38 *A fol.* 410 tal-proċess.
39 *A fol.* 435 tal-proċess.

kienu joqogħdu faċċata ta' xulxin. Niżlu minn quddiem il-Water Services u kif Shawn Borg wasal ħdejn ir-*roundabout* ta' ħdejn l-Express Trailers, dan stennieh hemm u l-attur qabad u xegħel l-*indicator* biex idur u sieħbu dar għal warajh għal Triq l-Ingiered. Ma kienx hemm raġuni għaliex għaddew minn hemm. Fit-triq kien hemm biss xi tliet karozzi ġejjin mid-direzzjoni opposta, iżda warajhom ma kien hemm l-ebda karozza. Dak il-ħin huwa kien qed isuq b'xi 60 jew 70 u meta ra vettura ħierġa min-naħa tal-Għammieri, din kienet biss żewġ karozzi bogħod minnu. Ma setax jiftakar b'liema veloċità kien qed isuq sieħbu warajh. Biex ma jolqotx il-Jaguar li huwa kien qed isuq u li kienet ta' zijuh, il-konvenut m'għaffasx il-brejk, iżda kiser l-i*steering wheel* kollu għan-naħa l-oħra lejn il-lemin. Dak il-ħin saret il-ħabta u l-vettura tiegħu daret wara li kienet ħadet id-daqqa fuq ir-rota. Il-konvenut ma setax jiftakar kemm-il darba kienet daret il-vettura tiegħu. Huwa kien ħaseb li d-daqqa kienet waħda żgħira u fil-fatt ma setax jemmen dak li ra meta ħareġ mill-vettura. Ma setax jiftakar liema parti tal-vettura kienet ħabbtet mal-ħajt u t-tliet daqqiet fil-vettura kif kienu ġew. Lanqas seta' jgħid jekk il-marki fit-triq kinux tal-vettura tiegħu. Saħansitra qal li r-ritratt a fol. 420 tal-proċess ma kienx qed juri sew id-direzzjoni fejn spiċċat il-karozza tiegħu. Spjega li kienet ħarġet l-*airbag* ġo wiċċu. Seta' jiftakar iżda li d-daqqa mal-vettura l-oħra kien ħadha mar-rota tax-xellug ta' quddiem. Huwa ma kienx ra l-*Mitsubishi* jinqaleb. Sieħbu Shawn Borg kien baqa' sejjer u huwa ma kienx kellmu. Kompla jsostni li l-*Mitsubishi* kien ħareġ minn fuq l-i*stop sign* tat-triq li tagħti għall-Għammieri. Huwa ċaħad li hu u sieħbu kienu qegħdin itellqu u ċaħad ukoll li huwa kien qed isuq bil-mija

kif kien qal sieħbu, iżda kien qed isuq bis-70, 80. Ikkonferma li Shawn Borg kien xehed quddiem il-Maġistrat Micallef Trigona, iżda ftakar ukoll li kien ħawwad fil-kliem għax xehed li kien qed isuq dakinhar bis-60, 70 u saħansitra bit-80.

## Konsiderazzjonijiet legali

Il-Qorti sejra l-ewwel tindirizza l-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident inkwistjoni, imbagħad tgħaddi biex tikkonsidra t-talbiet l-oħra f'din il-kawża.

Mingħajr tlaqliq ta' xejn din il-Qorti mill-ewwel tgħid li jirriżulta mill-provi li l-inċident inkwistjoni biċ-car seħħ unikament tort tal-konvenut, inċident fejn sfortunatament tilef ħajtu s-sewwieq tal-*Mitsubishi*. Peress li għalhekk tonqos ix-xhieda importanti ferm tas-sewwieq il-mejjet, din il-Qorti ma tistax tqies biss dak li qal il-konvenut, iżda trid tgħarbel bir-reqqa l-provi kollha li nġabu quddiemha sabiex b'hekk tifhem aħjar sewwa sew dak li ġara. Is-sekwenza tal-fatti li seħħew qabel l-inċident huma wkoll tassew rilevanti. Fil-21 ta' Settembru, 2013, f'xi ħin qabel il-ħamsa neqsin kwart ta' filgħaxija, il-konvenut mar il-pompa tal-petrol tal-ajruport viċin il-*McDonald's* biex jaħsel il-karozza *Jaguar* li kienet tappartjeni lil zijuh Gerald u li kien isellifielu xi kultant.[40] Filwaqt li kien hemm, il-konvenut ċempel lil sieħbu Shawn Borg sabiex dan imur jiltaqa' miegħu hemmhekk. Il-ħabib tiegħu wasal bil-vettura tiegħu tal-

[40] Ara stqarrija tal-konvenut moghtija lill-Pulizija 03.10.2013 *a fol.* 135 sa 137 u x-xhieda tiegħu *a fol.* 396.

għamla BMW numru ta' reġistrazzjoni JBL 764 kulur aħmar, kif il-konvenut kien kważi lesta milli jnaddaf il-*Jaguar,* u ftiehmu li jmorru lura d-dar flimkien peress li kienu ġirien.[41] Shawn Borg telaq xi tliet minuti qabel il-konvenut, u kif daru mar-*roundabout* ħdejn l-*Express Trailers* sabiex jinżlu għat-Triq l-Ingiered, il-konvenut qabżu. Fl-istqarrija tiegħu lill-Pulizija, Shawn Borg ikkonferma li hu u Ayrton D'Amato Quintano kienu qegħdin isuqu l-karozzi b'tali mod li jimpikaw ma' xulxin min jgħaddi u spjega li kif waslu ħdejn il-monument ta' Ħal Luqa, il-konvenut għadda minn miegħu bil-Jaguar u *"… bil-mossi ta' xulxin billi bdejna insuqu naqra 'l quddiem minn xulxin fhimna lil xulxin biex nagħfsu l-karozzi u soqnihom biex ngħaddu lil xulxin, bqajna nagħfsuhom sa fejn l-aħħar roundabout u mbagħad dorna mar roundabout għal fejn l-isptar, qabizni Ayrton u ġara li ġara."*[42]

Il-konvenut quddiem din il-Qorti qal li *"Hu* [Shawn Borg] *kien qiegħed wieqaf, kien hemm il-karozzi, għaddejt wara l-karozzi, xħin ġejt għar-roundabout xgħelt l-indicator biex indur u hu ġie warajja."*[43] Iżda baqa' jsostni sal-aħħar li ma kienx minnu li huma kienu qegħdin jagħmlu tellieqa.[44] L-istess konvenut qal li fi Triq l-Ingiered ma kienx hemm karozzi quddiemu, iżda biss xi tliet karozzi ġejjin min-naħa opposta.[45] Meta l-konvenut qabeż lil sieħbu, dan tal-aħħar stqarr li l-konvenut kien *"Għadda jiġri naqra sew qisu bi 90 numru żgħir*

---

[41] Ara stqarrija ta' Shawn Borg moghtija lill-Pulizija 03.10.2013 *a fol.* 138 sa 140 u wkoll xhieda tal-konvenut in kontro-eżami *fol.* 410 *et seq*.
[42] *Ibid.*
[43] Xhieda in kontro-eżami *supra.*
[44] Xhieda in kontro-eżami a *fol.* 437 tal-proċess.
[45] Xhieda konvenut in kontro-eżami a *fol.* 414 tal-proċess.

*min ta' ġewwa tal-ispeedo, dan ikkalkulajtu b'għajnejja"[46],* filwaqt li hu kien qed isuq b'xi 70 jew 80.[47] F'ħin minnhom Shawn Borg xehed ukoll li huwa kien għaddej b'xi 80 u sieħbu l-konvenut ftit aktar minnu b'xi 100.[48] Il-konvenut però sostna li hu kien qed isuq b'xi 70 jew 80[49] u in kontroeżami qal li kien qed isuq b'xi 60/70[50], iżda qatt bil-100.[51] Dan kollu digà qed jagħti lill-Qorti x'tifhem li l-veloċità tal-*Jaguar* kienet aktar minn qawwija. Imbagħad hemmhekk fi Triq l-Ingiered seħħ l-inċident.

Jirriżulta li għajr għal sieħbu Shawn Borg, ma kien hemm l-ebda xhud okulari ieħor tad-dinamika tal-inċident u jirriżulta ukoll li l-konvenut, għalkemm kien biss it-tul ta' xi erba' karozzi warajh, ma kienx ra l-*Mitsubishi* qabel il-ħabta.[52] Iżda l-istess Shawn Borg qal li kien il-*Jaguar* li daħal fil-*Mitsubishi* mingħajr ma żamm brejk, u dan lejn in-nofs ta' dik il-vettura li spiċċat biex inqalbet.[53] Il-konvenut ikkonferma li huwa ma kienx żamm brejk meta ra l-*Mitsubishi,* iżda minflok ittenta jevita kull impatt li bih seta' jagħmel ħsara lill-*Jaguar,* billi dawwar l-i*steering wheel* kollu lejn in-naħa l-oħra.[54] Il-Qorti hawnhekk ma tistax ma tesprimiex id-dubju tagħha li fiċ-ċirkostanzi fejn il-veloċità qawwija ferm, saħansitra sfrenata, li l-konvenut kien qed isuq biha, ftit kien hemm possibilità li jiġi evitat l-inċident bl-użu tal-brejk għaliex dik il-veloċità

---

[46] Ara stqarrija *supra.*
[47] *Supra* u xhieda *a fol.* 165 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja fil-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Ayrton Damato Quintano**.
[48] Xhieda *ibid. a fol.* 169 tal-proċess.
[49] Xhieda *a fol.* 397 tal-proċess.
[50] Xhieda *a fol.* 415 tal-proċess.
[51] Xhieda in kontro-eżami *a fol.* 437 tal-proċess.
[52] Xhieda *ibid. a fol.* 174 tal-proċess.
[53] Ara xhieda *ibid. a fol.* 175 *et seq* tal-proċess.
[54] Ara xhieda *a fol.* 397 *et seq.* u *a fol.* 415 tal-proċess.

ċertament ma tippermettiex lis-sewwieq iżomm il-kontroll fuq il-vettura, kif ukoll li jkollu viżwali fit-tul.

Hawnhekk il-Qorti tirrileva li jidher li kien hemm xi dubju waqt l-Inkjesta dwar jekk kienx qiegħed jaħdem l-*indicator* tan-naħa tal-lemin tal-*Mitsubishi* qabel l-inċident, iżda jiġi osservat li l-espert tekniku Joseph Zammit ma setax jgħid mill-eżamijiet tekniċi li għamel jekk il-ħsara kinetx eżistenti qabel l-inċident jew jekk kinetx attribwibbli għall-impatt tal-inċident innifsu.[55]

Il-konvenut qal li l-*Mitsubishi* kien ħareġ minn fejn l-Għammieri u kien saħansitra ħareġ nofsu minn fuq l-i*stop sign.*[56] Il-karozza tiegħu daret, għalkemm il-konvenut ma setax jiftakar kif dahret, u d-daqqa ħaditha fuq ir-rota tax-xellug ta' quddiem.[57] Il-konvenut iddeskriva d-daqqa bħala li *"…ma kinitx kbira"*, saħansitra ma ndunax mill-ewwel li huwa kien ħabat ma' karozza oħra, għajr għall-fatt li ħarġet l-*airbag* f'wiċċu. Għalhekk l-ewwel ħaġa li għamel meta ħareġ mill-*Jaguar* kien li mar jara xi ħsara kellha il-karozza li kien qiegħed isuq u kien biss sussegwentement xħin dar li lemaħ il-*Mitsubishi* maqlub.[58] Qal ukoll li seta' jiftakar li l-*Jaguar* kienet ħabtet ma' ħajt u spiċċat tħares fid-direzzjoni tal-Marsa. Sadanittant sieħbu Shawn Borg baqa' sejjer.

Hawnhekk il-Qorti tqis li jkun opportun li tifli diversi fatti oħra li kkonstataw l-esperti maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti li jistgħu jitfgħu aktar dawl fuq id-

[55] Ara rapport *a fol.* 243 tal-proċess.
[56] *Ibid* u wkoll *a fol.* 429 tal-proċess.
[57] Ara xhieda *a fol.* 416 tal-proċess.
[58] Ara xhieda *a fol.* 417 sa 420 tal-proċess.

dinamika tal-incident. L-espert tekniku l-Perit Richard Aquilina fir-relazzjoni tiegħu wasal għal dawn il-konklużjonijiet minn dak li kkonstata fuq il-post tal-inċident:

> *"Minn dak li ġie kkonstatat, deher li l-karozza Jaguar kienet nieżla lejn id-direzzjoni tal-Marsa, filwaqt li l-Mitsubishi Strada kienet ilwiet u kienet f'posizzjoni trasversali mat-triq. Il-Jaguar daħlet fil-ġenb lemin u bid-daqqa, il-Mitsubishi għoliet, kaxkret ir-rota mal-ħajt u wara nqallbet.*
>
> *L-esponent jirrileva li l-Jaguar għandha quddiem baxx u b'hekk daħlet taħt il-ġenb tal-Mitsubishi li bid-daqqa ntrefghet u nqallbet. Mal-impatt mal-Mitsubishi, il-Jaguar tilfet ir-rota ta' quddiem xellug u din il-karozza daret u baqgħet sejra titkaxkar sa ma ħabtet il-ġenb tal-lemin mal-ħajt tal-Għammieri.*
>
> *Dan il-ħajt huwa dobblu u għoli tlett filati u għandu l-Coping. Il-ħsara fil-ħajt tindika li wara l-impatt mal-Mitsubishi, il-Jaguar baqgħet nieżla fuq tlett roti b'veloċità kbira fejn il-momentum ġie assorbit f'dan il-ħajt.*
>
> *Ir-rota tal-Jaguar baqgħet nieżla, ħabtet mal-ħajt u spiċċat ċirka mija u ħmistax il-metru (115m) l-isfel minnfejn waqfet il-Jaguar."*

Joseph Zammit, espert tekniku wkoll maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti għall-finijiet tal-Inkjesta li saret dwar l-inċident, fir-rapport[59] tiegħu wasal għall-istess konklużjoni minn dak li seta' jikkonstata fuq il-post tal-inċident u mill-ħsarat mġarrba miż-żewg karozzi involuti, *"illi dan l-inċident ġara waqt li l-vettura Mitsubishi kien ser idur biex jidħol fit-triq fuq il-lemin u l-Jaguar kien nieżel bi speed eċċessiv liema speed ma setax jikkontrolla lill-vettura tiegħu l-Jaguar u għalhekk saret il-ħabta hekk spjegata."*[60]

[59] *A fol.* 232 tal-proċess.
[60] *A fol.* 242 tal-proċess.

Issa ħarsa lejn il-pjanta esebita mill-espert tekniku l-Perit Richard Aquilina turi li wisq probabbli hekk seħħ l-inċident. Il-Qorti tosserva li d-*debris* tal-inċident, li huwa indikazzjoni qawwija ta' fejn seħħ l-ewwel impatt bejn iż-żewġ vetturi, jibda proprju fil-liwja tad-daħla tal-Għammieri fejn hemm *traffic Island* li taqsam id-dħul u l-ħruġ. Hawnhekk ukoll diġà nsibu l-brixx u t-tkaxkir aħmar fit-triq u saħansitra t-taħfir.[61] Dan jagħti x'jifhem li mhijiex verosimili xejn l-verżjoni tal-konvenut li l-*Mitsubishi* kien ħiereġ minn fuq l-i*stop sign,* għaliex semmai kien dieħel u f'dak il-każ l-impatt bejn iż-żewġ karozzi ma kienx isir bejniethom kif sar. Tosserva li d-*debris* huwa konċentrat fil-karreġġjata ta' Triq l-Ingiered li tibqa' nieżla minn ħdejn ir-*roundabout* viċin l-attività kummerċjali tal-*Express Trailers* għall-Marsa u proprju wkoll quddiem id-daħla ta' San Vincenz De Paule. Issa fil-fehma tal-espert tekniku l-Perit Richard Aquilina, il-Mitsubishi *"kienet ilwiet u kienet f'pożizzjoni trasversali mat-triq."* In viżta ta' dak li għadu kif ġie osservat u meħuda inkonsiderazzjoni x-xhieda tal-Ispettur Spiridione Zammit[62] u x-xhieda ta' PS 353 Antoine Sacco[63], il-Qorti tqis bħala aktar verosimili din is-sekwenza ta' fatti li tixbaħ dak li seħħ fil-verità.

Kif din il-Qorti diġà kellha l-okkażjoni li tistqarr, il-ħsarat fiż-żewġ karozzi huma wkoll indikattivi tad-dinamika tal-inċident u juru li l-impatt seħħ bejn in-naħa

---

[61] Kostatazzjonijiet peritali *a fol.* 59 tal-proċess b'riferiment għall-pjanta annessa mar-rapport.

[62] A *fol.* 73 tal-proċess fejn igħid "...meta studjajna l-filmati mill-Għammieri, hemm triq temergja fi Triq Ingiret allura minn hawnhekk ma rajna l-ebda karozza ħierġa mit-triq li toħroġ għal got-Triq l-Għammieri allura kien qed jindikali jiena li l-verżjoni tas-Sur Quintano ma kinitx qed tagħmel sens." Ara wkoll *Full Road Traffic Accident Report* a *fol.* 11 tal-proċess.

[63] A *fol.* 49 tal-proċess fejn igħid, *"... dakinhar bagħat lill-pulizija 590 Grima, bagħtu San Vincenz biex nara jekk Filomeno Bonavia kienx daħal San Vincenz De Paule, fejn Filomeno għandu lil missieru hemmhekk, St. Joseph Ward 3. PS 590 tkellem ma' Saviour Blake ID 52882M li kien fil-front desk ta' din l-imsemmija ward fejn ikkonferma li Filomeno ma kienx għadu daħal San Vincenz De Paul.".* Ara wkoll *Full Road Traffic Accident Report* a *fol.* 11 tal-proċess u xhieda Saviour Blake a *fol.* 82 u xhieda Charles Said a *fol.* 85.

tar-rota ta' quddiem tal-lemin tal-*Mitsubishi* u n-naħa tar-rota ta' quddiem tax-xellug tal-*Jaguar.* Dawn ġew ikkonstatati kemm mill-espert tekniku l-Perit Richard Aquilina fir-rapport tiegħu fejn jelenka d-diversi ħsarat[64], kif wkoll mill-espert tekniku Joseph Zammit li jagħti deskrizzjoni dettaljata tagħhom fir-rapport tiegħu.[65] Jirriżulta li filwaqt li l-*Mitsubishi* sofra ħsarat estensivi fuq in-naħa tal-lemin tiegħu lejn ir-rota ta' quddiem, tant hu hekk li *"… il-parti tax-chassis ta' dik in-naħa ntlaqat u tkebbeb … ħsara hekk estensiva fuq is-suspension tiegħu u fuq ix-chassis in-naħa tal-lemin … ir-rota … ir-rim tagħha parti minnu tgħawweg u t-tyre ukoll iċċarrat…".* Il-*Jaguar* sofriet ħsarat estensivi lejn in-naħa ta' quddiem l-aktar fuq ix-xellug *"… tant illi s-suspension strap tal-istess naħa tax-xellug ta' quddiem tqaċtet minn postha flimkien ma' partijiet oħra li jinsabu mferxa fit-triq …".* Fiż-żewġ każijiet l-espert tekniku Joseph Zammit jikkonferma li l-ħsarat ġew ikkaġunati minn daqqa soda.

Tali ħsarat, meqjusa flimkien mal-fatt li l-*Mitsubishi* nqaleb mal-impatt għal fuq ġenbu u dar ta' taħt fuq, mat-tul tat-tkaxkir tal-*Jaguar* wara l-impatt taż-żewġ vetturi u l-kawża tal-mewt ta' Filomeno Bonavia[66], kollha b'riżultat biss ta' impatt qawwi bejn iż-żewġ vetturi, huma xhieda tal-veloċità sfrenata li biha kien qed isuq il-konvenut. Hawnhekk il-Qorti żżid tgħid li kull tentattiv min-naħa tal-konvenut li jixħet it-tort fuq is-sewwieq tal-karozza l-oħra, ma jistax jirnexxi in vista tal-veloċità sfrenata li tirriżulta li kienet il-kawża unika tal-

---

[64] A *fol.* 60 u 61 tal-proċess.

[65] Ara *fol.* 234 sa 237 tal-proċess. Ara wkoll xhieda *surveyor* John Callus *a fol.* 115 u rapport u ritratti esebiti *a fol.* 119 sa 127.

[66] Ara xhieda Profs. Marie Therese Camilleri Podestà u t-Tabib Safraz Ali *a fol.* 129 *et seq.* u *a fol.* 225 *et seq.* tal-proċess kif ukoll ir-rapport *a fol.* 130 u ċ-ċertifikat tal-mewt *a fol.* 228.

inċident.[67] Dan kollu flimkien mal-bluha tal-età ta' dsatax-il sena li jimpika ma' sieħbu mingħajr iqis in-nuqqas tal-esperjenza tiegħu kemm fis-sewqan u partikolarment fis-sewqan ta' karozza b'magna ta' dik il-qawwa u mingħajr ħsieb tal-inqas konsegwenza, għajr li seta' jobrox il-vettura ta' zijuh, kienu l-kawża ewlenija tal-inċident li ġab fi tmiemha traġikament il-ħajja ta' raġel ta' familja b'omm u tliet itfal.

Il-Qorti kkonsidrat ukoll l-ammissjoni tal-konvenut għall-akkużi miġjuba kontrih quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[68], u dan mhux biss fir-rigward tar-responsabilità għall-mewt ta' Filomeno Bonavia u tal-ħsara riżultanti fil-karozza tad-defunt, iżda wkoll fir-rigward tal-mod traskurat u l-veloċità eċċessiva li biha kien qed isuq il-*Jaguar.* Il-fatt li l-konvenut ħass li ma kellux jikkontesta dawk l-akkużi, ma jistax ma jingħatax piż.

Meħud inkonsiderazzjoni dan kollu, din il-Qorti ma tistax ma tgħabbiex lill-konvenut bir-responsabbilità tal-inċident.

**<u>Danni</u>**

Jifdal għalhekk li l-Qorti tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-atturi, li jinkludu danni materjali kif ukoll telf ta' qligħ futur li jistgħu jkollhom

---

[67] Ara P.A., **Dottor Remigio Zammit Pace noe *vs.* George Despott**, 24.02.97.

[68] Ara sentenza *a fol.* 364 *et seq* tal-proċess.

minħabba l-mewt ta' Filomeno Bonavia b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

*Damnum Emergens* u *Lucrum Cessans - l-attrici Sylvana Bonavia*

L-attrici Sylvana Bonavia qiegħda tippretendi li l-konvenut għandu jinżamm responsabbli għall-ħlas tal-kura medika u l-mediċinali li ser ikunu neċessarji tul ħajjitha bħala riżultat tad-debilità permanenti ta' natura psikjatrika li sofriet kawża tal-mewt tar-raġel tagħha. Hija pproduċiet lill-konsulent psikjatriku tagħha Dr Joseph Cassar[69] sabiex jixhed dwar il-kondizzjoni medika tagħha. L-espert mediku ġudizzjarju il-konsulent psikjatriku Etienne Muscat fir-rapport tiegħu[70], filwaqt li jispjega l-konstatazzjonijiet psikjatriċi li għamel waqt il-vista li kellu mal-attrici Sylvana Bonavia, jgħid, *"Ms. Bonavia meets criteria for a diagnosis of* Post Traumatic Stress Disorder (PTSD), with possible Depersonalisation, *according to the definition of the American Psychiatric Association's Diagnostic and Statistical Manual (DSM-5), as indicated in Appendix A of this document … It is my impression that all of Ms Bonavia's described disability is subsumed by the symptoms of her PTSD and that there is no evidence for another stand-alone psychiatric diagnosis."* Dan kollu ma jħallix dubju li l-attrici Sylvana Bonavia qiegħda tbati minn debilità permanenti ta' natura psikjatrika bħala riżultat tal-mewta traġika tar-raġel tagħha konsegwenza tal-inċident. Iżda din il-Qorti ma tistax taċċetta l-pretensjoni

[69] Xhieda *a fol.* 145 *et seq.* tal-proċess.
[70] *A fol.* 400 tal-proċess.

tagħha kif imressqa fin-nota ta' sottomissjonijiet għall-ħlas ta' dawk id-danni allegatament sofferti minnha personalment, kemm dawk materjali ta' natura rikorrenti u futuri. Dan għaliex it-tieni talba mressqa mill-atturi fir-rikors maħluf tagħhom, hija magħmula fil-kwalità tagħhom ta' werrieta tal-mejjet Filomeno Bonavia u dawn id-danni li qiegħda tippretendi l-attrici Sylvana Bonavia mingħand il-konvenuti huma fil-kwalità tagħha personali minħabba l-impatt li kellu fuq ħajjitha l-inċident inkwistjoni fejn tilef ħajtu żewġha, u mhux fil-vesti tagħha ta' eredi.

*Damnum Emergens - l-atturi bħala eredi*

L-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom jirrilevaw li huma qegħdin jippretendu l-ħlas ta' €7,092.64 rapprezentanti d-diversi spejjeż inkorsi minnhom kif hemm elenkati[71] u li jirriżultaw lill-Qorti kif ġej:

a. €2,184.63 spejjeż tal-funeral li jirriżultaw mill-fattura Dok. X[72] li kopja tagħha tinstab ippreżentata mal-*affidavit* tal-attrici Sylvana Bonavia[73], u liema spejjeż huma kkonfermati minnha fl-istess *affidavit*;
b. €2,054.94 spejjeż relatati mal-*causa mortis* li jirriżultaw mill-fattura notarili[74] ppreżentata mal-imsemmi *affidavit*;

[71] *A fol.* 467 u 468 tal-proċess.
[72] *A fol.* 29 tal-proċess.
[73] *A fol.* 27 tal-proċess.
[74] *A fol.* 33 tal-proċess.

c. €2,500 valur tal-*Mitsubishi* qabel ma seħħ l-inċident kif stmat mis-*surveyor* John Callus, li jirriżulta mill-kopja tar-rapport tiegħu[75] esebit waqt li kien qed jixhed waqt l-udjenza tal-4 ta' Ottubru, 2016;

d. €353.04 spiża tar-ritratti esebiti f'dawn il-proċeduri minn PC1525 Patrick Farrugia li tirriżulta aktar preċizament fl-ammont ta' €335.04 mill-elenku tal-ispejjeż anness mar-rapport tiegħu.[76]

Peress li l-ispejjeż pretiżi mill-atturi ġew ippruvati u in vista tal-fatt li l-ebda spiża ma ġiet kontestata mill-konvenuti matul il-proċeduri odjerni, din il-Qorti filwaqt li taġġusta t-total ta' dawn l-ispejjeż għal sebat elef erbgħa u sebgħin Euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€7,074.61), tilqa' t-talba attriċi għall-ħlas tad-danni attwalment imġarrba minnhom bħala eredi tal-mejjet Filomeno Bonavia.

*Lucrum Cessans - l-atturi bħala eredi*

Il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida d-danni sofferti mill-atturi b'konsegwenza tal-mewt ta' Filomeno Bonavia li kien ir-raġel tal-attriċi Sylvana Bonavia u missier l-atturi l-oħra.

Jirriżulta, u dan mhux kontestat, li Filomeno Bonavia miet intestat u allura l-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz tad-digriet tagħha tas-

---

[75] *A fol.* 119 tal-proċess.
[76] *A fol.* 289 tal-proċess.

17 ta' Marzu, 2014[77], ordnat li għandha tinfetaħ is-suċċessjoni tal-istess Filomeno Bonavia favur l-atturi. Ġaladarba l-inċident ġab il-mewt ta' persuna, huwa applikabbli l-artikolu 1046 tal-Kap. 16 fil-konfront tal-werrieta ta' dik il-persuna. Dan l-artikolu jgħid:

> "Jekk minħabba l-għemil li jagħti lok għad-danni xi ħadd imut, il-qorti tista', flimkien mat-telf u spejjeż attwali ikkaġunati tagħti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bħal fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem, skont id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[78], ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-ligi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċizjonijiet in materja."

John Micallef, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, esebixxa dokument li juri d-dħul tal-mejjet Filomeno Bonavia għal diversi snin inkluż is-sena 2012, jiġifieri s-sena ta' qabel seħħ l-inċident. M'hemm l-ebda

---

[77] *A fol.* 31 tal-proċess.
[78] P.A., 27.04.2005.

indikazzjoni tal-perijodu eżatt li għalih hemm indikat dħul ta' €10,620 għas-sena ta' assessjar 2014, jiġifieri sena bażi 2013, u għalhekk il-Qorti ser tieħu bħala *multiplicand* is-salarju tal-mejjet fis-sena ta' qabel ma seħħ l-inċident. Għalhekk fis-sena 2012 id-dħul huwa indikat fis-somma ta' €14,062.[79] Minn dan l-ammont irid jitnaqqas €324.30 bħala taxxa u €1,406.20 bħala kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali mħallsa skont ir-rati uffiċjali tas-sena 2012.

Is-salarju irid imbagħad jiġi aġġustat abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier*[80], €12,331.50 + (€12,331.50 x 0.92% x 10), sabiex b'hekk il-Qorti qiegħda tikkomputa s-salarju medju li Filomeno Bonavia kien jirċievi li kieku baqa' ħaj u jaħdem sal-età ta' 65 sena, fis-somma ta' €12,331.50 + €13,466.00 ÷ 2 = €12,898.75. Huwa dan is-salarju bażi li l-Qorti ser tieħu għall-finijiet tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' ħamsa u ħamsin (55) sena, li hija l-età li kellu Filomeno Bonavia meta seħħ l-inċident, il-*multiplier* adottat ikun ta' għaxar (10) snin, tenut kont li persuna fl-età tal-vittma huwa mistenni jaħdem almenu sakemm ikollu ħamsa u sittin (65) sena sabiex jilħaq l-età pensjonabbli.

---

[79] *A fol.* 108 tal-proċess.

[80] F'sentenza mogħtija mil-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju, 2001, fl-ismjiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effett li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bhala l-*multiplier*". Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.92% li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-ahhar ħames snin skont l- NSO (dik tas-sena 2019 ma tinstabx pubblikata): {0.31% (2014) + 1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37%(2017) + 1.16% (2018) ÷ 5 = 0.92%}.

F'sentenza fl-ismijiet **John Ransley et *vs.* Edward Restall et**[81], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-'*changes and changes of life',* b'mod li dan il- *multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħ sal-età tal-pensjoni.
>
> …
>
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżercizzju matematiku – għalkemm tali eżercizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler vs Heard,** b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala '*lucum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed inkonsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Fil-każ odjern ma jirriżultax li l-mejjet Filomeno Bonavia kien ibati minn xi mard li kien ser iżommu milli jaħdem għaxar snin oħra u kif sewwa jissottomettu l-atturi, x'aktarx li ma kienx ser jirtira qabel l-età ta' ħamsa u sittin (65) sena, meta wieħed iqis li l-iżgħar wild tiegħu kellha biss sittax-il (16) sena fid-data tal-inċident. Għalhekk din il-Qorti qiegħda tqis *multiplier* ta' għaxra bħala wieħed xieraq fiċ-ċirkostanzi.

[81] P.A., 10.05.2005.

Skont il-ġurisprudenza kif żviluppat maż-żmien, għandu jsir tnaqqis rappreżentanti *own consumption*, jiġifieri dik is-somma li kieku baqa' ħaj il-vittma kienet tintuża għall-għajxien tiegħu. Il-Qrati tagħna ġeneralment applikaw perċentwal ta' 25% u l-istess ser tagħmel din il-Qorti għaliex ma ssib l-ebda raġuni sabiex tnaqqas jew iżżid dan il-perċentwal.

L-evoluzzjoni ġurisprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba (*lump sum payment).* Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta jiġi ppreżentat ir-rikors maħluf u d-data tas-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża ġiet ippreżentata fis-sena 2015 u d-deċiżjoni ser tkun qiegħda tingħata mingħajr ma jirriżulta li kien hemm titubar jew delungar intenzjonat da parti ta' xi waħda jew oħra mill-partijiet.

Is-salarju medju ta' €12,898.75 x *multiplier* ta' 10 x 100% diżabilità permanenti sofferta mill-vittma Filomeno Bonavia, iwasslu għal ċifra ta' €128,987.50 li meta tiġi ridotta b'25% (*own consumption)* ta' €32,246.88 u b'20% *(lump sum payment*) ta' €25,797.50, twassal għas-somma ta' €70,943.12 (sebgħin elf disa' mija tlieta u erbgħin Euro u tnax-il ċenteżmu). Huwa dan il-*lucrum cessans* li l-Qorti qiegħda tistabbilixxi li għandu jitħallas lill-atturi mill-konvenuti.

B'hekk id-danni li huma dovuti lill-atturi mill-istess konvenuti huma b'kollox tmienja u sebgħin elf u sbatax-il Euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€78,017.73).

## Decide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti;**
2. **Tiddikjara lill-konvenut Ayrton D'Amato Quintano unikament responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrbu l-atturi bħala werrieta tad-defunt Filomeno Bonavia;**
3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi bħala werrieta tad-defunt Filomeno Bonavia b'konsegwenza tal-istess incident, fis-somma ta' tmienja u sebgħin elf u sbatax-il Euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€78,017.73);**
4. **Tikkundanna lill-konvenut Ayrton D'Amato Quintano u lis-soċjetà konvenuta Montaldo Insurance Agency Limited bħala assikuratriċi tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GBN 951, li kienet qed**

**tinstaq mill-imsemmi konvenut Ayrton D'Amato Quintano, sabiex iħallsu solidament bejniethom lill-atturi d-danni kif likwidati.**

**Bl-ispejjeż tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' April, 2014, u bl-imgħax dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**